**9 ta' Marzu, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmelo *sive* Charles Grima *noe*

*versus*

Joseph Petroni *noe*

**Nol – Ġarr ta' Merkanzija – Vjaġġi – Nota ta' Eċċezzjonijiet Ulterjuri**

*L-attur fittex għal noll ta' ġarr ta' merkanzija. Minn analiżi tal-fatti, il-Qorti kkonkludiet illi l-kuntratt in kwistjoni kien wieħed ta' "Combined Transport" li m'huwiex ikkontemplat speċifikament fil-liġijiet speċjali u fil-kodiċi tal-Kummerċ u l-preskrizzjoni*

*applikabbli ma tistax ħlief tirriżulta mir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili. Ġiet konsegwentement miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 544(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u l-kawża ġiet iddifferita għall-kontinwazzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi kif jidher mill-*''istatement of account''* hawn esibit (Dok. A) id-ditta attriċi għandha tieħu mingħand id-ditta konvenuta s-somma ta' elfejn tliet mija u tmien liri u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm2308.31,0) għall-ġarr ta' merkanzija matul l-1979 u l-1981; skond l-*invoices* esibiti (Dok. B u Ċ); u premess illi l-konvenuti, għalkemm interpellati biex iħallsu baqgħu inadempjenti;

L-istess attur talab li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallsu lill-attur *nomine* s-somma hawn fuq imsemmija ta' elfejn tlett mija u tmien liri u wieħed u tletin ċenteżmu (Lm2308.31,0), dvout għall-ġarr ta' merkanzija kif intqal fuq;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-21 ta' Jannar, 1983, kontra l-konvenuti *nomine;*

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur, u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew;

(1) Illi preliminarjament l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2252(a) tal-Kodiċi Ċivili;

(2) Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni l-ammont mhux dovut *stante* illi l-merkanzija qatt

ma ġiet ikkonsenjata lill-konvenuti *nomine,* u għal dan in-nuqqqas huma responsabbli l-istess atturi *nomine* bħala li kienu l-vetturali;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut;

Rat id-digriet tad-9 ta' Diċembru 1983 li bih ġie nnominat bħala Perit Legali l-Avukat Dottor Richard Galea Debono biex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew;

(1) Illi l-eċċipjenti jirrinunzjaw għall-eċċezzjoni tagħhom dwar il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2252(d) tal-kodiċi Ċivili *stante* li mhux applikabbli;

(2) Illi in sostituzzjoni jissollevaw il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 630(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

(3) Bla preġudizzju għall-eċċezzjoni dwar il-mertu ssollevata mill-konvenuti *nomine* fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Victor Petroni;

*Omissis;*

Illi f'din is-sentenza sejra tiġi investigata u deċiża l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti *nomine* u ċjoè dik a bażi ta' l-artikolu 636(a), illum 544(a), tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

Dana l-artikolu jipprovdi hekk:

"544. L-azzjonijiet li ġejjin jaqgħu bil-preskrizzjoni kif sejjer jingħad hawn taħt:

(a) kull azzjoni għall-ħlas ta' nol, sena wara li jispiċċa l-vjaġġ";

Mill-provi miġbura jirriżulta li s-soċjetà konvenuta inkarigat lill-attur *nomine* biex iġorr merkanzija minn diversi postijiet fl-Ewropa (prinċipalment mill-Ġermanja) għal Malta. Kien ikkontemplat li l-merkanzija tinġarr ġo *trailers* fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar;

Illi l-ewwel Perit Legali, l-Avukat Dottor Richard Galea Debono rrelata illi kien jidher ċar mill-att taċ-ċiazzjoni li l-kawżali tat-talba huwa l-ġarr tal-merkanzija, u li fi kliem ieħor hawn *si tratta* ta' talba għall-ħlas ta' nol *"sic et simpliciter"*. Il-preskrizzjoni applikabbli għal dan il-każ kienet dik ta' sena kkontemplata fl-imsemmi artikolu tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan kien perijodu ta' dekadenza ta' sena (ara artikolu 633 (illum 541) tal-Kodiċi tal-Kummerċ u s-sentenzi riportati tal-kollezzjoni f'volumi XXXII.III.555 u XXXVII p. 472) u għalhekk ma hemm ebda interruzzjoni ammessa, fis-sens li ċ-ċitazzjoni trid issir fi żmien sena mid-*"dies a quo"*. Imbagħad, l-istess Perit ikkonstata li l-vjaġġi in kwistjoni ntemmu ferm qabel ma għadda t-terminu perentorju ta' sena mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni odjerna. Għalhekk, l-istess Perit Legali kkonkluda li

la ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata wara li għaddiet is-sena perentorja mit-tmiem tal-vjaġġi, it-talba ta' l-attur kienet dekaduta u perenta u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

Illi d-difensur ta' l-attur *nomine* kkritika din ir-relazzjoni prinċipalment fis-segwenti raġunijiet:

(1) illi n-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri m'hijiex ammissibbli proċeduralment a bażi ta' l-artikolu 158(10) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

(2) illi l-artikolu 636(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ m'huwiex applikabbli għall-każ in diżami u illi għall-kuntrarju huwa applikabbli t-terminu ta' ħames snin ikkontemplat fl-artikolu 2256(2) tal-Kodiċi Ċivili. U inoltre, anke fil-każ li t-terminu ta' sena kkontemplat fl-artikolu 636(a) Kodiċi tal-Kummerċ huwa applikabbli dan il-perijodu jista' jiġi interrott u fil-fatt ġie interrott;

Illi dwar l-ammissibilità o meno ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti t-tieni Perit Legali ċjoè l-Avukat Dottor Richard Camilleri rrelata hekk:

"L-artikolu 158(10) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili *jiddisponi* "In-nota ta' eċċezzjonijiet tista' wara li jinġiebu l-provi ta' l-attur u qabel ma l-konvenut iġib il-provi tiegħu, tiġi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet, kemm b'żieda ta' eċċezzjonijiet oħra, bla ħsara għal dawk l-eċċezzjonijiet li jinqalgħu f'kull stadju tal-kawża";

"L-artikolu 2217 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi: "L-eċċezzjoni

tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqarr fl-appell'';

''Id-difensur ta' l-attur, fit-trattazzjoni orali ssottometta li wieħed għandu jiddistingwi bejn il-verbi użati fiż-żewġ artikolu ċċitati. L-artikolu 158(10) KOPĊ juża l-verb ''jinqalgħu'' u l-artikolu 2217 Kod. Ċiv. juża l-verb ''tingħata''. L-argument huwa l-kelma ''jinqalgħu'' jirreferi biss għal dawk l-eċċezzjonijiet li l-konvenut seta' jinduna biss biha wara l-provi tiegħu'';

''L-esponenti ma jaqbilx ma' dan l-argument ta' l-atturi. Ir-riserva kkontenuta fl-aħħar kliem ta' l-artikolu 158(10) KOPĊ tikkontempla preċiżament l-eċċezzjonijiet perentorji u ċjoè partikolarment il-preskrizzjoni. L-intenzjoni tal-leġislatur ma kinitx dik li l-kelma ''jinqalgħu'' tkopri biss dawk l-eċċezzjonijiet li l-konvenut seta' jinduna biss bihom wara l-provi tiegħu. Interpretazzjoni bħal din kienet tistultifika s-sens ta' l-artikolu 2217 tal-Kodiċi Ċivili għaliex allura wieħed ma jistax jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ħlief *''in limine litis''*. Inoltre il-verżjoni Ingliża ta' l-artikolu 158(10) tal-KOPĊ tuża l-kelma *''set-up''* għal ''jinqalgħu''. Il-kelma ''jinqalgħu'' għandha tiġi interpretata fis-sens ta' *''set-up''* altrimenti ż-żewġ artikoli ċċitati ma jibqgħux jagħmlu sens'';

''Infatti, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija eżempju *''par excellence''* ta' eċċezzjoni li tista' tiġi ssollevata f'kull stadju tal-kawża. *''È di principio che le eccezioni perentorie possono essere opposte in tutto il corso del procedimento: s'intende però l'eccezioni che distruggono l'azione e la rendono assolutamente inefficace. Tale è la prescrizione''*. (Laurent – *Diretto Civile Vol. XXXII, para. 175 p. 146)''*;

*Illi* l-istess Perit Legali, Dottor Camilleri rrelata hekk dwar is-sottomissjoni tad-difensur ta' l-attur, li l-preskrizzjoni jew dekadenza ta' sena a bażi ta' l-artikolu 636(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, opposta mill-konvenut, m'hijiex applikabbli u li għall-kuntrarju hija applikabbli dik ta' ħames snin ikkontemplata mill-artikolu 2256(2) tal-Kodiċi Ċivili:

"L-esponenti ser jittratta, qabel kollox, jekk huwiex applikabbli l-artikolu 2256(2) tal-Kodiċi Ċivili";

"Ir-rekwiżiti ta' dan l-artikolu huma:

(1) Kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni bil-kreditu, xogħlijiet, servizzi jew qadi ieħor;

(2) Il-kreditu jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub;

"L-esponenti ma jaqbilx mat-teżi ta' l-atturi li dan l-artikolu huwa applikabbli għar-raġunijiet segwenti:

1. l-artikolu 2256 tal-Kodiċi Ċivili japplika biss għal krediti kkontemplati fl-artikolu 2252, 2253, u 2254 tal-Kodiċi Ċivili. Infatti l-artikolu 2256 jibda bil-kliem "Fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar erba' artikoli ta' qabel dan....." u l-paragrafu (2) jkompli bil-kliem "f'kull każ bħal dan". Il-kreditu in eżami, kif jirriżulta mit-termini taċ-ċitazzjoni huwa għall-ġarr ta' merkanzija, li m'huwiex kreditu kkontemplat fl-artikoli msemmija;

2. L-esponenti ma jħossx li l-kreditu jirriżulta minn kont aċċettat mid-debitur jew minn dikjarazzjoni oħra tad-debitur bil-miktub. Bil-kliem kont aċċettat "għandu jiftiehem li l-kont ikun

għal kollox approvat u fuqu, jiġifieri fuq il-ħlas tiegħu, ma jkunx hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet tant li mill-istess approvazzjoni jinħoloq bejniethom vinklu ġuridiku ieħor li għalih hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' ħames snin''. (XXXII.I.58). Fl-istess sens għandhom jiġu interpretati l-kliem ''dikjarazzjoni bil-miktub''. Fil-każ in diżami, mhux biss l-ittra tal-konvenuti Dok. CG20 bl-ebda mod ma tindika approvazzjoni jew ammissjoni tal-kreditu, kif qed jallegaw l-atturi, iżda għall-ammont mitlub mill-atturi ta' Lm1584.57 il-konvenuti qed jgħidu li għandhom jieħdu Lm2545.64ċ. Wieħed għandu jiddistingwi l-fatti tas-sentenza ċċitata mill-atturi u ċjoè dik riportata fil-Vol. XXXII.I.641 *stante* li f'dan l-aħħar każ id-debitur ammetta li għandu jagħti però ma qabilx fuq il-*quantum*. Għall-kuntrarju fil-każ preżenti, l-ittra Dok. CG20 turi li l-konvenuti ħadu l-attitudini li l-atturi huma d-debituri u mhux huma'';

*Omissis;*

Il-kuntratt li sar bejn il-partijiet huwa kuntratt ta' *''Combined Transport''* li m'huwiex ikkontemplat speċifikament la f'liġijiet speċjali u lanqas fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Il-preskrizzjoni applikabbli għaldaqstant ma jistax ħlief jirriżulta mir-regoli ġenerali tal-Kodiċi Ċivili. M'huwiex il-kompitu ta' l-esponenti li jesprimi opinjoni dwar il-preskrizzjoni li hija applikabbli;

Għalhekk l-istess Perit Legali Dottor Camilleri kkonkluda illi l-eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandha tiġi respinta;

Illi d-difensur tas-soċjetà konvenuta ma ssottometta ebda

kritika għal din ir-relazzjoni peritali. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, u wara li eżaminat akkuratament l-istess relazzjoni ta' l-għaref Perit Legali l-avukat Dottor Richard Camilleri, din il-Qorti tħoss li ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet raġġunti mill-istess Perit Legali. Illi din il-Qorti tosserva wkoll li m'għandha xejn x'iżżid mar-raġunamenti assennati u eżawrjenti ta' l-istess Perit Legali li huma biżżejjed konvinċenti u jagħmlu kull kumment ieħor superfluwu. Għalhekk din il-Qorti tagħmel tagħha l-konklużjonijiet tal-Perit Legali Dottor Camilleri u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni, li qegħdin jiġu addottati;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 636(a), illum 544(a), tal-Kodiċi tal-Kummerċ issollevata bin-nota ta' Eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut (a fol. 18 tal-proċess). Fl-aħħarnett tinnomina mill-ġdid għas-spejjeż provviżorjament ta' l-attur lill-avukat Dottor Richard Camilleri bħala Perit biex ifittex u jirrelata dwar it-talba ta' l-attur wara li jieħu konjizzjoni ta' l-Eċċezzjoni fil-mertu tas-soċjetà konvenuta u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ – bis-setgħat kollha li solitu jingħataw lill-Periti Ġudizzjarji;

L-ispejjeż ta' din is-sentenza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali;

Il-kawża tibqa' ddifferita għar-relazzjoni peritali għas-seduta tat-3 ta' Ġunju 1988.